MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2009

Appell Kriminali Numru. 157/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. S. Camilleri)**
**Vs**
**Nazzareno Carabott**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-30 ta' Novembru, 2007 f'xi 20.00 hrs., gewwa Triq is-Salvatur, Marsaxlokk

1. volontarjament kiser il-bon ordni w il-paci pubblika b'ghajjat u glied;
2. fl-istess hin, lok u data, hebb ghall-persuna ta' martu Gertrude Carabott, kif ukoll tat-tifla Kim Carabott u kkagunalhom griehi hfief kif iccertifikhom Dr. Juanito Agius u Dr. F. Azzopardi c/o Mater Dei.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-14 ta' Mejju, 2008, li biha, wara

li rat l-artikoli 221, 338(dd) u 339(1)(d) tal-Kapitolu 9, sabet lill-appellant hati ta' l-imputazzjoni kif dedotta w ikkundannatu ghal tlett (3) xhur prigunerija sospizi ghal tlett (3) snin, taht supervizzjoni ta' ufficjal tal-probation, ai termini tal-artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Il-Qorti ordnat ordni ta' protezzjoni a favur Gertrude u Kim Carabott, ghall-perjodu ta' tlett (3) snin, ai termini ta' l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Ordnat ukoll projbizzjoni ta' access tal-appellant gewwa 95, Triq il-Port Ruman, Marsaxlokk, ghal zmien sitt (6) xhur, ai termini tal-Artikolu 412 C (3)(b).
Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata ta' din is-sentenza lill-appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-26 ta' Mejju, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu l-appellant instab hati taz-zewg imputazzjonijiet u jigi liberat minn kull imputazzjoni w htija, w alternattivament u fl-eventwalita' illi l-Qorti ssib htija, tirriformaha kwantu ghall-piena, b'dan illi teroga piena aktar indikattiva fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :- li l-appellant ma setax jinstab hati fuq il-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti. L-ewwel imputazzjoni ma rrizultatx u ghar-rigward tat-tieni imputazzjoni, l-appellant kien qed jagixxi in legittima difesa. Bla pregudizzju ghal dan, il-piena kienet wahda esagerta w zgur li ma kienetx indikata fic-cirkostanzi.

Semghet ix-xhieda mill-gdid;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi l-provi mismugha mill-gdid minn din il-Qorti jistghu jigu sintetizzati kif gej :-

Fl-Affidavit tieghu, a fol. 13 et seq., **P.S. 850 SIMON BUTTIGIEG** iddikjara bil-gurament li fit-30 ta' Novembru, 2007, meta kien l-ghassa ta' Birzebbugia, gie infurmat minn PC 550 illi quddiem il-post 43, Triq is-Salvatur, Marsaxlokk kien hemm argument. Mar fuq il-post fejn sab lill-appellant li joqghod 95, Triq il-Port Ruman, Marsaxlokk, li kien midrub. Meta staqsieh x' kien gara, dan qallu li kien qed jizbogh il-magna tal-fregatina tieghu fuq it-*truck* quddiem id-dar ta' ommu. Waqfet karozza hdejn it-truck u tlieta min-nies nizlu minn go fiha. Dawn kienu martu Gertrude w bintu Kim. Martu qabdet tghajjru kemm tiflah u terfa' idejha fuqu w x' hin ra hekk gabar l-affarijiet biex jidhol gewwa halli ma jkellimhomx izda bintu Kim haditlu l-bott taz-zebgha w meta talabhulha din irrifjutat li tatihulu w qabdet u waddbitlu z-zebgha go wiccu w wara waddbitlu l-bott. Meta dar biex jidhol il gewwa kompla jaqla minn ghand it-tnejn li huma u biex jiddefendi ruhu hareg b' oggett f' idejh li dak il-hin ma kienx jaf x' kien ghax ma felahx aktar jaqla w spicca jaqla' minnghand hames minn-nies, martu, bintu, u tlitt persuni ohra mhux maghrufa.

Meta gie mistoqsi ghax kien inqala' l-incident, l-appellant kien qallu li f' 95, Triq il-Port Ruman, Marsaxlokk, fejn kienet toqghod il-mara tieghu, din kien ilha ma thallas il-kont tad-dawl. Ghalhekk hu kien applika biex jigi maqtugh is-servizz tad-dawl minn gor-residenza tieghu.

Ix-xhud kien baghat lill-appellant biex jiehu l-assistenza medika w gie certifikat li kien qed ibaghti minn griehi ta' natura hafifa minn Dr. Malcolm Paul Galea ta' Mater Dei Hospital.

Meta kellem lil Gertrude Carabott, din kienet qaltlu li ghal habta tal-18.45 hrs. kienet marret id-dar u sabet li dawl ma kienx hemm. Iccekkjat il-plakek peress li erbat ijiem qabel l-appellant kien qala' l-*fuse* biex ma juzawx dawl, izda rrizulta li mhux mill-plakek kien. Meta beda jidlam, cemplet ill-bintha Kim u qaltilha biex tmur id-dar halli tara x' kien gara. Peress li s-*salva vita* kienet tajba, ndunaw li

d-dawl kien maqtugh minn barra . Malli daret biex tkellem lit-tifla Kim, ma sabithiex hemm u hasbet li din setghet marret tkellem lil missierha, l-appellant.

Ghalhekk hi telqet lejn Triq is-Salvatur biex tkellem lill-appellant u qaltlu : *"Ghaliex qtajtilna d-dawl? Taf li uliedek qed baghtu bla dawl?"* . Sakemm qed tkellem lil-appellant, giet bintha Kim u ppruvat tkellmu w qaltlu biex jirrangalhom id-dawl ghax ma setghetx toqghod bla dawl. Izda l-appellant injorha w bintha waddbitlu l-bott taz-zebgha w ma riedetx ittihulu qabel ma jkellimha. F' daqqa wahda l-appellant qalilha: *"Ara kif ha titilqu."* Fetah il-bieba tal-garage u hareg bicca ghodda minn tal-fregatina w beda jatihom biha. Mistoqsija kemm kienu n-nies waqt l-argument, Gertrude Carabott qaltlu li kienu hi w bintha u n-neputi taghha certu Russell Carabott, li kien qed iferraq lilha u lill-appellant.

**KIM CARABOTT** xehdet li fid-data u hin in kwistjoni ommha kienet camplitilha biex tmur id-dar ghax ma kienx hemm dawl. Missierha kien qala' l-*fuses* jumejn qabel u dwar dan kien hemm rapport l-ghassa. Id-dawl kien umbaghad irrangah iz-ziju. Meta raw li ma kienx hemm dawl regghu marru jaghmlu rapport l-ghassa izda l-Pulizija li kienu hemm qalulhom li dak li jigri mill-bieb il-gewwa huma ma setghux jindahlu fih. Hi allura li tmur tkellem lill-appellant missierha bil-kelma t-tajba sakemm ommha terga tmur ticcekkja d-dar. Ghalhekk telqet bil-mixi biex tmur tkellmu. Kienet iltaqghet mal-kugin taghha waqt li sejra d-dar u dan qalilha biex ma tmur xejn id-dar. Hi sabet lill-appellant hdejn id-dar tan-nannitha w staqsietu jekk kienx qata' d-dawl. Meta ma rrispondihiex, hi haditlu il-bott taz-zebgha li kien qed jizbogh minnu ghax injoirha. L-appellant hebb ghal ommha w taha daqqtejn ta' harta u x-xhud waddbitlu l-bott taz-zebgha w laqtet lill-appellant missierha go daru. L-appellant dahal gewwa w hareg b' hadida w biha sawwat lilha w lill-ommha. Laqatha f' wiccha w xofftejha. Umbaghad hadhom l-ghassa l-kugin taghha Russell u kienu hadu l-hadida l-ghassa maghhom. Hi kienet mugugha hafna w marru l-isptar u damet jumejn fis-sodda.

In kontro-ezami, xehdet li kellha mnieherha minfuh. Il-hadda kienet kbira. Hi kienet ferrqet u mhux refghet idejha fuq l-appellant. Ommha kienet spiccat fl-art. Ommha ma kienet ghamlet xejn lill-missuierha w tkellmu bdiet.

**GERTRUDE CARABOTT** xehdet li hi w l-appellant ilhom il-Qorti tmin snin f' kawza ta' separazzjoni. L-appellant imur jorqod id-dar bil-lejl u huma jkunu maghluqin fil-kamra taghhom. Xehdet li huma cioe' hi, bintha Kim u binha Carston ta' tlettax il-sena jghixu kulljum fi Plot 95, Triq il-Port Ruman, Marsaxlokk. Il-Qajjenza joqghod Russell Carabott, kugin ta' bintha Kim. L-appellant m' ghandu xejn id-dar u ma joqghodx hemm ghax ghandu tarbija minn mara ohra. Hi bhal issa m'ghandix *"boyfriend".*

Dak in-nhar tal-incident kienet ghand ommha w meta rritornat id-dar sabet li ma kienx hemm dawl. Cemplet lil bintha, x-xhud precedenti, biex tmur id-dar u bdew jippruvaw jitfu s-*switches* u s-*salva vita*. Jumejn qabel kienu sabu l-*fuses* neqsin u kienet ghamlet rapport l-ghassa. Dawn kien sewwihom huha Alan. Kienu marru l-ghassa hi w Kim imma l-Pulizija qalulhom li ma setghgux jindahlu. F' hin minnhom ma ratx lil bintha Kim aktar u hasbet li din marret tkellem lill-appellant u ghalhekk hi marret fejn omm l-appellant u sabitu hemm qed jizbogh it-truck. Qaltlu biex jekk hu kien qata' dawl imur jirrangah. Hu cahad. Sakemm kienet qed tipparkja mal-gemb, giet Kim u bdiet tghid lill-appellant biex imur jirranga d-dawl. L-appellant injorha. Qalilha: "Xi darba nghidlek." Kim baqghet tinsisti. Qabditlu l-bott taz-zebgha w kif ratu ser ihebb ghalihom tefghethulu w laqtitu w cappsitu biz-zebgha. L-appellant dahal ghand ommu w hareg b' hadida w taha daqqa go rasha bil-hadida w waqqaghha mall-art. Hi kienet uriet ritratti lill-Magistrat *"animo ritirandi".* Kim qabzet ghaliha w ippruvat tohodlu l-hadida. Kien tefaghha mal-art. Russell dahhalha fil-car tieghu w saq lejn l-Isptar, fejn riedu jzommuha izda hi ma riedetx u marret id-dar. It-tbengil f' idha li jidher fir-ritratti kien hareg xi jumejn wara.

**RUSSELL CARABBOT** xehed li l-appellant jigi zihuh u Gertrude zitu tar-rispett. Hu kien nizel ifittex lill-Gertrude u Kim hdejn in-nanna tieghu w sabhom jitkellmu mal-appellant. Rah diehel gewwa biz-zebgha fuqu. Hareg b' hadida w xejjer lil Gertrude darbtejn. Kim ippruvat izzommu w l-appellant laqatha w hu hadlu l-hadida minn idejh. Wara ha lil Gertrude u lil Kim l-Isptar. Fil-5 ta' Settembru , 2008, kien ra lill-appellant gej ghalih b' hadida biex ipattihielu izda hu kien waqqaf lill-Pulizija tal-ALE u dawn hadulu l-arma.

**L-APPELLANT** xehed li hu biss jorqod fid-dar fejn jghix. Martu w uliedu ma jghixux hemm izda l-Qajjenza. Ma kienx qatghu hu d-dawl. Kienu gew tal-EneMalta w qatghu id-dawl fuq talba tieghu, ghax kien qed jigi kont ta' konsum gholi. Dak in-nhar tal-incident, kienu marru t-tlieta ghalih, cioe' martu, bintu w l-guvni ta' bintu. Kien ipprova jigbor l-affarijiet u Kim haditlu l-bott taz-zebgha. Fil-kantuniera kien hemm Russell u l-*"boyfriend"* ta' martu, jahseb. Hass daqqa ta' bott u sema' insulti.Tefgulu z-zebgha zgur u, jekk hass id-daqqa tal-bott, din ma kienetx gravi li seta' jwegga'. Kellu *pipe* tal-*plastic* li hi pompa tal-ilma li biha jhammel il-fregatina u beda' jxejjer bih wara li kienu dahlu gewwa warajh, biex forsi jitilqu 'l barra w jaghalaq il-bieb. Bdew jatuh go rasu x' hin dar. Ma setax jaghalaq il-bieb meta marru warajh. Kellu bil-fors jiddefendi daqxejn ghax baqghu dehlin sa warajh.

Ikkonsidrat;

Li fis-sentenza pjuttost motivata taghha l-Ewwel Qorti , wara li gharblet il-versjonijiet tal-partijiet, waslet ghall-konkluzzjoni li l-versjoni tax-xhieda tal-prosekuzzjoni kienet ferm aktar attendibbli minn dik tal-appellant u sabet htija.

Din il-Qorti ukoll gharblet il-provi w riizultalha li dan l-incident kien l-istraxxiku ta' tilwim familjari li ta lok ghal kawza ta' separazzjoni bejn l-appellant u martu . Dan it-tilwim gie ezacerbat bl-azzjoni unilaterali tal-appellant li jitlob lill-EneMalta Corporation biex taqta' s-servizz tal-elettriku f' dik li hija d-dar konjugali bil-pretest li martu ma

kienetx qed thallas il-kontijiet. Dan ta lok ghad-diverbu li nqala' quddiem id-dar t' omm l-appellant , fejn dak il-hin l-appellant kien wahdu ghall-kwiet jizbogh il-magna tal-fregatina. Dak li beda b' diverbju bejn l-appellant u martu eskala meta binthom adolexxenti Kim indahlet fin-nofs u bdiet tinterpella lll-appellant ghaliex qata' d-dawl. Meta dan injorha, din qabditlu l-bott taz-zebgha w mhux biss ma tatulhux lura izda addirittura tefghetulu biz-zebgha b' kollox u laqtitu. Hawn l-appellant mar gab bicca pipe u beda jxejjer bih u jidher li laqat kemm lll-martu kif ukol lill-bintu w kkagonalhom feriti ta' natura hafifa. Ic-certifikati medici ma kienux gew kontestati mid-difiza tal-appellant.

Fic-cirkostanzi, l-appellant ma jistax jghid li kien qed jagixxi in legittima difeza li kif inhu risaput triq tkun azzjoni kontra perikolu gravi, ingust w inevitabbli. Mill-banda l-ohra certament li f' xi hin parti mir-reazzjoni tal-appellant kienet provokata mill-azzjoni inkonsulta ta' bintu Kim, li tefghetlu l-bott taz-zebgha w laqtitu. Dan kien jaghti lok ghall-applikazzjoni tal-attenwanti kontemplata fl-artikolu 230 ( c ) kif ukoll (b) tal-Kodici Kriminali. Zgur li bit-tfiegh tal-bott biz-zebgha minn Kim Carabott lill-appellant, dan kien provokat minn delitt ta' kull xorta li jkun, kontra l-persuna. Mhux biss imma fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti meta l-appellant beda jxejjer bil-*pipe* tal-*plastic,* hu kien ukoll taht l-influwenza immedjeta ta' passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh li minnhabba fiha, fil-waqt tad-delitt, ma kienx jista' jqis l-eghmil tieghu. F' nies ta' temperament normali, li binthom titfaghlhom bott mimli zebgha ghal wicc dak li jkun jista' facilment u komunement igib l-effett li dak li jkun ma jkunx kapaci li jqis l-eghmil tieghu. Dan l-attenwanti pero' mhux skriminanti w l-appellant xorta irid jirrispondi ghall-eghmil tieghu.

L-istess, ghalkemm l-incident ma bdiehx l-appellant izda hu kien ghall-affari tieghu qed jizbogh il-magna meta gie rinfaccjat b' mod aggressiv partikolarment minn bintu li pprovokat incident bl-agir taghha kif fuq spjegat u bit-tghajjir ta' martu, xorta wahda pero' irid jinsab hati tar-reat kontemplat fl-ewwel imputazzjoni li hu reat ta' natura kontravvenzjonali ta' *"breach of the peace"* ghax meta rrejagixxa kif irrejaggixxa hu kien ukoll qed johloq

minaccja ghall-inkolumita' personali jew patrimonjali ta' martu w bintu fit-triq pubblika, kif dejjem interpretat fil-gurisprudenza rilevanti.

Illi ghar-rigward tal-aggravju dwar il-piena, din il-Qorti qieset l-attenwanti li ghandu jibbenefika minnha l-appellant kif fuq spjegat pero' qieset ukoll is-sensiela twila ta' reati kontra martu w bintu li taghhom l-appellant instab hati ma tul is-snin mis-sena 2004 'l hawn, u ghalhekk ser taghmel l-infraskritt provvediment dwar il-piena li bil-fors irid jiehu in konsiderazzjoni d-decizjoni ta' din il-Qorti dwar l-attenwanti skond l-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni w tikkonfermaha wkoll fejn sabet lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni, b' dana pero' li ssib li ghal dan ir-reat hu applikabbli l-attenwanti kontemplat fl-artikolu 227 ( c ), rez applikabbli ghall-offizi ta' natura hafifa bl-artikolu 230 (b) u ( c ) tal-Kodici Kriminali w punibbli skond l-artikolu 232 (b) b' riferenza ghall-artikoli 222 (1) (a) u 202 (h) tal-Kodici Kriminali, tikkonfermaha ukoll fejn, ai termini tal-artikolu 412C, harget ordni ta' protezzjoni a favur ta' Gertrude u Kim Carabott ghall-periodu ta' tlitt snin u fejn ukoll ordnat il-projbizzjoni tal-access tal-appellant gewwa l-fond 95, Triq il-Port Ruman , Marsaxlokk ghal zmien sitt xhur ai termini tal-Artikolu 412 C (3) (b) u tirrevokaha fejn ikkundannat lill-appellant ghall-periodu ta' tlitt xhur prigunerija sospizi ghal tlitt snin taht is-supervizjoni tal-ufficjal tal-probation ai termini tal-artikolu 28G tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u minnflok tikkundannah ghall-periodu ta' xaharejn prigunerija sospizi ghal tlitt snin taht is-supervizjoni tal-ufficjal tal-probation ai termini tal-artikolu 28G tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat bi kliem car il-portata ta' din is-sentenza lill-appellant u l-obbligi tieghu skond l-artikolu 28A u 28B tal-Kodici Kriminali.

Finalment din il-Qorti attirat l-attenzjoni tad-Deputat Registratur ghall-obbligi tieghu skond l-art. 28A (8) tal-Kodici Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------